C/2025/2333

16.4.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11927 — IK PARTNERS / SAGARD / STERIMED)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/2333)

1. Fit-8 ta' April 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— IK Investment Partners AIFM (il-Lussemburgu) (flimkien mal-affiljati tagħha, fondi ġestiti u veikoli ta' investiment, "IK Partners", ir-Renju Unit),

— Sagard SAS (flimkien mal-affiljati tagħha, fondi ġestiti u veikolu ta' investiment, "Sagard", Franza).

Il-mira hija identifikata bħala li hija Sterimed International SAS ("Sterimed", Franza), li hija kkontrollata minn Sagard.

IK partners u Sagard se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Sterimed.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— IK Partners hija ditta ta' ekwità privata li tiffoka fuq is-segment tas-suq medju. Tinvesti f'erba' strateġiji komplementari (Mid Cap, Small Cap, Development Capital, u Fondi ta' Sħubija) u erba' setturi (Servizzi tan-Negozju, Konsumatur, Kura tas-Saħħa, u Industriji),

— Sagard SAS hija kumpanija tal-ġestjoni tal-portafoll attiva fis-segmenti tal-kapital tal-ekwità privata ingranat u tal-kapital tat-tkabbir. Il-fondi li timmaniġġja jinvestu primarjament f'kumpaniji żgħar u ta' daqs medju fis-setturi kollha tan-negozju.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Sterimed huma dawn li ġejjin: Tipprovdi imballaġġ mediku kemm għall-manifatturi tal-apparati mediċi kif ukoll għall-faċilitajiet tal-kura tal-pazjenti. Toffri diversi tipi ta' materjali sterilizzabbli, li jikkonverti fi prodotti lesti għall-użu għall-proċessi ta' sterilizzazzjoni.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11927 — IK PARTNERS / SAGARD / STERIMED

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË